# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Illum 19 ta' Awwissu 2024**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Kontra**

**WYATT ZAMMIT**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Wyatt Zammit ta' sebgħa u tletin (37) sena, mwieled ġewwa il-Pieta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija u sebgħa u tmenin (1987), iben Andre' Mark u Maria Theresa xebba Cauchi, residenti ġewwa Blokka 14, Bieb 1, Flat 11, Trejqet il-Ward, Santa Luċija, Malta, u detentur tal-karta ta' l-Identita Maltija bi numru 338187M

**Talli għal ħabta ta' bejn it-tmienja (20:00) u l-disgħa ta' filgħaxija (21:00) nhar is-sbatax (17) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgħa u**

**għoxrin (2024) ġewwa Gugu Convenience, Triq Nazju Ellul Gzira u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:**

1. Ikkommeta serq ta' flus u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa **bil-vjolenza, bil-valur** liema valur tal-ħaġa misruqa ma jeċċedix l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u **bil-ħin**, dan sar għad-detriment ta' **Shawn Caruana** u/jew **Aracelli Cababaros Canete** u/jew **Gugu Convenience**, u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra.

   *Artikoli 261 (a)(ċ)(f), 262(a), 267, 270, 275, 276 ,279 (a), 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. **Fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi** bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, u ċioe lil **Aracelli Cababaros Canete** jew ta l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata;

   *Artikolu 275, 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. **Fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi** kkawża lil ħaddieħor, u ċioe lil **Aracelli Cababaros Canete**, biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha;

   *Artikolu 251(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. **Fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi** kif ukoll fix-xhur ta' qabel u ta' wara, nqast milli tħares il-kundizzjonijiet imposti fuqek mill-Qorti Maġistrati (Malta) Onor. Maġistrat Dr. Lara

Lanfranco LL.D. fid-digriet datat fil-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) li bih ingħatajt il-ħelsien mill-arrest

*Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Din l-Onorabbli Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat sabiex jirristetwixxu lill-parti offiża kull ħaġa minnhom misruqa hekk kif ikkontemplat fl-artikoli 15A u 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din l-Onorabbli Qorti hija ukoll ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' **Aracelli Cababaros Canete u Shawn Caruana** billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384 U 385

Din l-Onorabbli Qorti hija ukoll ġentilment mitluba li jekk jidrilha xieraq tordna odrni ta' trattament u dan ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, filwaqt li neżebixxu il-fedini penali u dokument ta' identifikazzjoni tal-imputat, il-Prosekuzzjoni titlob li dan il-każ jiġi trattat skont il-Liġi.

Semghet lill- imputat waqt l-ezamitad-19 ta' wissu jwiegeb li hu hati tal-imputazzjonijet migjuba fil-konfront tieghu

Rat l- *Artikoli 261 (a)(ċ)(f), 262(a), 267, 270, 275, 276 ,279 (a), 280(2) 275, 86 251(3) 579* 533 15A u 28H 412C 382A, 383, 384 U 385 412D *tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
Rat l-ammissjoni u l-provi u d-dokumenti kollha
Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat**
Rat li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri izda irid jigi tenut kont ukoll tal-gravita tal-imputazzjonijiet

**Decide**

Ghaldaqstant wara li rat *Artikoli 261 (a)(ċ)(f), 262(a), 267, 270, 275, 276 ,279 (a), 280(2) 275, 86 251(3) 579* 533 15A u 28H 412C 382A, 383, 384 U 385 412D *tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta* tikkundanna lill-imputat ghal sentejn(2) habs effettivi , tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elfejn u hames mitt euro (2500) rappresentanti parti mill-garanzija imposta ghall- helsien mill- arrest skond id-digriet ordnati tal-11 ta' Lulju 2024 ta' din il-Qorti (diversament pressjeduta). Inoltre timponi ulterjorment multa ta' hamess mill-euro (500) rigwardanti l-ksur tal-istess kundizzjonijet tal-helsin mill- arrest ordnati tal-11 ta' Lulju 2024 ta' din il-Qorti (diversament pressjeduta).

Jinhareg Treatment Order kontra l-vizzju tad-drogi ghal perijodu ta' tlett (3) snin
Jinhareg Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 C ghal tlett snin(3) fil- confront ta' **Aracelli Cababaros Canete u Shawn Caruana**
Tordna r-refuzzjoni tal-ammont ta' euro erba' mija u sitta u tletin (463) lil **Aracelli Cababaros Canete u Shawn Caruana** fi zmien sitt (6) xhur

Il-Qorti spjegat lill-hati bil-portat tal-konsegwenzi jekk ma jighux segwiti t-Treatment Order , Protection Order u ma issehx ir-refuzzjoni fit-terminu ordnat.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**